

**REKWIŻITI ESSENZJALI GĦAR-REGOLAZZJONI DWAR IS-SIGURTÀ U L-
INTEROPERABBILTÀ L-AJRUDROMI**

WERREJ

I. DESKRIZZJONI TAR-REKWIŻITI ESSENZJALI.....	3
a - Introduzzjoni.....	3
b - Karatteristiċi fiżiċi, infrastruttura u tagħmir ta' ajrudrom	5
(i) Żona ta' moviment	5
(ii) Tneħħija ta' ostakli	7
(iii) Għajnuniet Viżwali u Mhux Viżwali u Tagħmir ta' l-Ajrurom	7
(iv) Dejta dwar l-ajrudrom	9
c - Operazzjonijiet u Ġestjoni ta' l-ajrudrom	9
(i) Obbligi applikabbli għall-operaturi kollha ta' l-ajrudromi	9
(ii) Emerġenzi u Salvataġġ u Tifi tan-Nar	10
(iii) Persunal ta' l-ajrudrom	11
(iv) Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà (SMS)	11
d - Inħawi ta' l-ajrudrom	12
II. Rekwiżiti essenzjali	14
A - Karatteristiċi fiżiċi, Infrastruttura u Tagħmir	14
1) Żona ta' moviment	14
2) Tneħħija ta' ostakli	15
3) Għajnuniet Viżwali u Mhux Viżwali u Tagħmir ta' l-Ajruromi	15
4) Dejta dwar l-ajrudromi	16
B - Operazzjonijiet u Ġestjoni	16
Ċ - L-inħawi ta' l-ajrudrom.....	18

MEMORANDUM SPJEGATTIV DWAR IR-REKWIŻITI ESSENZJALI

I. DESKRIZZJONI TAR-REKWIŻITI ESSENZJALI

a - *Introduzzjoni*

1. Dan il-memorandum spjegattiv jiddeskrivi kif ir-rekwiżiti essenzjali (ERs) għas-sigurtà ta' l-ajrudromi ġew żviluppati f'konsultazzjoni mal-persuni interessati. Għandu erba' għanijiet prinċipali x'jispjega:
 - x'inhuma r-rekwiżiti essenzjali;
 - il-proċess ta' identifikazzjoni tal-perikli, segwit b'valutazzjoni tar-riskji u, jekk meħtieġ, it-tnaqqis tar-riskju wżat fl-abbozz tar-rekwiżiti essenzjali (Ers);
 - kif l-ERs jitqabblu ma' standards u prattiċi ta' rakkomandazzjoni ta' l-ICAO.
2. Kif isimhom jindika diġà, "*rekwiżiti essenzjali*" huma l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti minn prodott, infrastruttura, persuna jew organizzazzjoni biex jiżguraw kemm jista' jkun li l-pubbliku m'huwiex affettwat aktar milli hemm b'żonn bl-użu, l-operazzjonijiet jew l-attività tagħhom. Għalhekk huma jindirizzaw il-mezzi li permezz tagħhom riskji assoċjati ma' attività speċifika għandhom jiġu eliminati jew imnaqqsa għal livell aċċettabbli, meta dan ikun probabbli li jsir b'mod raġonevoli. Fi kliem ieħor, ma jikkostitwixxux obbligu legali għal ċerti riżultati kwantitattivi (e.ż. Livell Tollerabbli ta' Sigurtà), imma bil-kuntrarju obbligu biex jiġu implimentati ċerti mezzi¹ biex inaqqsu riskji mhux aċċettabbli. F'dan il-kuntest għandu jiġi ċċarat li l-verifika tal-konformità (ċertifikazzjoni jew proċessi ta' approvazzjoni) m'hijiex miżura li tnaqqas ir-riskji; hija verifika li miżura li tnaqqas ir-riskji tkun qed tiġi implimentata.
3. Biex jiġu speċifikati dawn il-mezzi, jinħtieġ li jiġu identifikati l-perikli assoċjati ma' l-attività analizzata u li jiġu vvalutati r-riskji relatati. Ir-rekwiżiti essenzjali huma mbaġħad il-mezzi biex jintużaw biex inaqqsu dawk ir-riskji għal livell aċċettabbli. Il-proċess huwa kif ġej:
 - Identifikazzjoni ta' kull ġrajja potenzjali li tista' twassal għal bidu ta' sekwenza perikoluża għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, jiġifieri, identifikazzjoni tal-perikli;
 - Valutazzjoni tal-konsegwenzi possibbli, u klassifikazzjoni tas-"severità" tagħhom;
 - Valutazzjoni tal-probabbiltà ta' l-okkorrenza, fin-nuqqas ta' salvagwardji (jiġifieri "l-probabbiltà");
 - Ġudizzju dwar it-tollerabbiltà tar-riskju (jiġifieri hija aċċettabbli biss probabbiltà remota estrema jekk severità katastrofika hija possibbli; wieħed jippermetti probabbiltà akbar fir-rigward ta' konsegwenzi anqas severi);
 - Definizzjoni ta' miżuri li jnaqqsu r-riskji sabiex titnaqqas il-probabbiltà ta' xi periklu milli jseħħ jew li jnaqqsu s-severità tal-konsegwenzi, meta r-riskji assoċjati ma' xi periklu ma jkunux aċċettabbli.
4. Fir-rigward tal-miżuri li jnaqqsu r-riskju, huwa importanti wkoll li wieħed jinsisti li dawn għandhom ikunu f'proporzjon ma' l-għan tas-sigurtà. Dan ifisser li huma m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li jinħtieġ biex jilhqnu l-benefiċċju tas-sigurtà mistenni mingħajr ma jinħolqu restrizzjonijiet bla b'żonn li m'humwiex iġġustifikati minn dak il-għan. Fil-każ preżenti l-għan kien għalhekk illimitat sabiex jiġi stabbilit tnaqqis adattat tar-riskji mhux aċċettabbli relatati ma' l-operat ta' ajruplan wieħed li jkun qed jopera fi jew qrib ajrudrom. Li jitnaqqsu r-riskji

¹ Obbligu dwar il-mezzi apparagun ta' obbligu ta' riżultati

assoċjati mal-possibbiltà ta' ħabta bejn ajruplani mexjin ġie ikkunsidrat li hija kwistjoni differenti li se tiġi indirizzata separatament meta jitqiesu r-riskji assoċjati ma' l-immaniġġjar tat-traffiku ta' l-ajru minn perspettiva ta' bieb (*gate*) għal bieb (*gate*)².

5. Għalhekk l-aġenzija, flimkien ma' esperti tal-GASR³, wettqu studju biex jidentifikaw perikli marbuta ma' l-attività ta' ajruplan wieħed li jkun qed jagħmel l-inżul tiegħu, waqt it-*taxiing*, jew waqt it-tluġ minn ajrudrom. Wara l-valutazzjoni tar-riskji potenzjali, il-miżuri meħtieġa li jnaqqsu r-riskji (jiġifieri l-oġettivi tas-sigurtà jew ir-rekwiżiti essenzjali) ġew elaborati biex jeliminaw dawk ir-riskji jew inaqqsuhom għal livell aċċettabbli. Imbagħad dawn ġew miġbura flimkien fi gruppi li jikkorrispondu mal-persuni responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom:
 - karatteristiċi fiżiċi, infrastruttura u tagħmir (jiġifieri disinn ta' l-ajrudrom);
 - operazzjonijiet u ġestjoni;
 - l-inħawi ta' l-ajrudrom.
6. Tabilħaqq wieħed għandu jżomm f'moħħu li, kif intqal fid-dokument tal-konsultazzjoni (NPA 06/2006), is-sid u l-operatur ta' ajrudrom jistgħu jkunu persuni legali għal kollox differenti. Bitendenzi dejjem jikbru favur il-liberalizzazzjoni tas-servizzi ta' l-ajrudromi, x'aktarx se ssir prattika komuni li l-entitajiet pubbliċi responsabbli minn dawn is-servizzi, jippreferu jagħtu dawn is-servizzi lil terzi bi rbit ta' kuntratti (*outsourcing*) għal żmien limitat filwaqt li jibqgħu s-sid ta' l-infrastruttura. Allura ma jkunx ġust imbagħad li wieħed jimponi fuq l-operatur obbligi li s-sid biss jista' jissodisfahom. Bl-istess mod, l-entitajiet responsabbli minn dawn is-servizzi jista' ma jkollhomx is-setgħa li jieħdu miżuri biex jissalvagwardjaw l-ambjent li jinsab 'il barra mill-perimetru ta' l-arjuport. L-Istati Membri infushom għandhom imbagħad jintalbu jiżguraw li dawn il-miżuri jkunu jistgħu jittieħdu kif jixraq. Għall-fini taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, jinħtieġ għalhekk li wieħed jidentifika b'mod ċar min hu responsabbli għall-konformità ma' kull wieħed mir-rekwiżiti essenzjali.
7. Biex jiġu vvalidati r-riżultati tal-metodu "*top down*" deskritt hawn fuq, saret reviżjoni "*bottom up*" biex teżamina għalfejn ġew imposti rekwiżiti essenzjali partikolari; liema riskju dawn ir-rekwiżiti kienu qed inaqqsu; u jekk il-mezzi wżati kinux f'proporzjon ma' l-għan tas-sigurtà. Dawn ir-rekwiżiti essenzjali, kienu wkoll imqabbla mad-dispożizzjonijiet ta' Volum I, Anness 14 ta' l-ICAO, "Disinn ta' l-Ajrudromi u Operazzjonijiet" u Volum II "Eliportijiet", biex jiġu vverifikati li huma ppermettew lill-Istati Membri jikkonformaw ma' l-obbligi tagħhom ta' l-ICAO fir-rigward ta' l-interoperabbiltà u s-sigurtà ta' l-ajrudromi fuq livell globali.
8. Inġhatat attenzjoni biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti essenzjali previsti huma adattati għal, u f'proporzjon ma', it-tipi kollha ta' ajruplani rregolati bis-sistema EASA, inklużi magni bl-iskrejjien (*rotorcraft*) u l-avjazzjoni ġenerali, it-tipi kollha ta' attivitajiet ta' l-avjazzjoni (kummerċjali, ta' negozju u rikreattivi) fi jew viċin ta' xi ajrudromi (e.ż. *runway* waħda, aktar minn *runway* waħda, eliportijiet⁴, ajrudromi ta' l-ilma) u taħt kull regola tat-titjir (kemm li għandha x'taqsam ma' l-istrumenti jew mal-viżwal)⁵, sabiex ikun hemm konsistenza mal-metodu totali tas-sistema li jsejjes il-politika tal-Komunità fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili. Daż-żgur id-distinzjonijiet meħtieġa se jiġu introdotti fuq livell tar-regoli implimentattivi u tal-mezzi aċċettabbli ta' konformità (AMCs) meta jkun il-waqt.

² L-Aġenzija ntabbet mill-Kummissjoni Ewropea biex taħdem fuq din il-kwistjoni, konsistenti malklawzola 2 "Billi" tar-Regolament 1592/2002, u biex tagħmel proposti dwar ir-regolamenti tas-sigurtà tas-servizzi tan-navigazzjoni ta' l-ajru u ta' l-immaniġġjar tat-traffiku ta' l-ajru. Għalhekk inbeda x-xogħol u l-Aġenzija tippjana li tippubblika notifika ta' l-emenda proposta f'Novembru 2007.

³ Grupp ta' Regolaturi għas-Sigurtà ta' l-Ajruport

⁴ Jiġifieri ajrudrom jew parti minnu, iddisinjat biex jintuża għall-wasla, it-tluq u l-moviment fuq l-art ta' magni bl-iskrejjien

⁵ Skond l-Anness 2 ta' l-ICAO – Regoli ta' l-Ajru.

9. L-aħħar imma mhux l-anqas, l-ERs ġew abbozzati bil-għan li jippermettu implimentazzjoni diretta, ta' ċerti tipi ta' attività. Għalhekk ikun possibbli, mhux biss li wieħed jirregola permezz ta' regoli implimentattivi li jorbtu, imma wkoll bl-użu ta' mezzi aċċettabbli ta' konformità aktar flessibbli u li ma jorbtux, biex jiġu implimentati mill-industrija, operaturi u awtoritajiet permezz tas-sistemi tagħhom ta' ġestjoni tas-sigurtà, konsistenti mal-prinċipji ġodda għal regolazzjoni aħjar fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni.

b - Karatteristiċi fiżiċi, infrastruttura u tagħmir ta' ajrudrom

(i) *Żona ta' moviment*

10. Ajrudrom jikkonsisti f'ta' lanqas żona waħda ta' tluġh (*take-offs*) u nżul (*landings*). Waħda mill-ewwel ħsibijiet li wieħed għandu jkollu, meta jiddisinja din iż-żona, hija li jiżgura li din ikollha dimensjonijiet biżżejjed biex takkommoda l-ajruplani mistennija li jużaw din il-faċilità. Inkella ajruplan jista' jaqbeż il-limiti ta' l-ajrudrom jew ma joqgħodx fiż-żona, b'hekk jinholq riskju li ssir ħsara lill-ajruplan jew, jekk il-veloċità tkun kbira biżżejjed, li l-okkupanti ta' l-ajruplan jew in-nies fuq l-art jiġġarrbu jew anke imutu, u li dan jikkostitwixxi riskju mhux aċċettabbli. Dan il-ħsieb huwa indirizzat permezz tar-rekwiżiti essenzjali (ER) A.1.a.i, li jimponi dimensjonijiet xierqa għaż-żona. Il-mod li bih dan il-paragrafu huwa miktub jippermetti biex il-prattika ta' bħalissa tkompli, filwaqt li jipprovdi għall-iżvilupp ta' regoli implimentattivi li jikkonformaw, per eżempju, mal-paragrafi 3.1.6 u 3.1.9. tal-Volum I, Anness 14 ta' l-ICAO.
11. Barra minn dan, iż-żona ta' l-inżul u t-tluġh għandha tkun tiflaħ il piż (*load*) irripetut ta' l-ajruplani li jkunu maħsuba li se jużaw iż-żona. Tabilħaqq, l-użu frekwenti ta' din iż-żona minn ajruplani li huma tqal wisq għaliha jista' jwassal għal deterjorazzjoni ta' malajr taż-żona tat-tluġh u l-inżul. F'xi stadju dan jista' joħloq konsegwenzi, bħat-telf tal-kuntroll ta' l-ajruplan, li jista' jwassal għal xi inċident. Għal din ir-raġuni l-ER A.1.a.ii jimponi saħħa (*bearing strength*) biżżejjed għaż-żona ta' l-inżul u t-tluġh. Daż-żgur, l-għażla tal-kliem hija tali li teskludi ajrudromi ta' l-ilma, li s-saħħa ta' kemm ikunu jifilħu (*bearing strength*) tagħhom tiddependi fuq karatteristiċi naturali. Dan il-punt huwa wkoll konsistenti mal-paragrafi bħal ma huma 3.1.20, Volum I, Anness 14 ta' l-ICAO.
12. Ukoll, din iż-żona ta' l-inżul u t-tluġh, kemm jekk tkun fuq l-art kemm jekk tkun fuq struttura magħmula mill-bniedem, m'għandhiex iżżomm ilma qiegħed (li jinġabar) jew issofri minn drenaġġ insuffiċjenti jew ineffiċjenti. Akkumulazzjoni mhux normali ta' ilma, partikolarment għall-ajruplani, tista' twassal għal ħolqien ta' forma ta' akkwaplan (*aquaplaning*), per eżempju, li jista' jwassal għal telf ta' kuntroll u jwassal għal xi inċident, u li dan huwa riskju mhux aċċettabbli. L-għan ta' l-ER A.1.a.iii huwa mbağħad li jeżiġi biex dik iż-żona tiġi ddisinjata b'tali mod xieraq li jiżgura d-drenaġġ effiċjenti ta' l-ilma. Dan il-punt jirrifletti l-ħsieb tal-paragrafu 3.1.18 ta' Volum I, Anness 14 ta' l-ICAO.
13. Daż-żgur, iż-żona ta' l-inżul u t-tluġh m'għandhiex ikollha inżul lonġitudinali jew laterali li jista' jillimita l-viżibbiltà ta' l-ekwipaġġ, jew li jista' jagħmel l-użu taż-żona perikoluża minħabba l-inżul eċċessiv jew il-bidla fl-inżul. Jekk iż-żona ta' l-inżul u t-tluġh tiġi ddisinjata mingħajr ma jitqiesu dawn l-elementi, din tista' toħloq tnaqqis sinifikanti fis-sigurtà ta' l-ajruplani jużawha. Dan ir-riskju huwa indirizzat bl-ER A.1.a.iv, li jaqbel ukoll mal-paragrafi bħal ma huma 3.1.12 sa 3.1.19 ta' Volum I, Anness 14 ta' l-ICAO.
14. Periklu ieħor li għandu jitqies, joħroġ mill-karatteristiċi tas-superfiċje taż-żona. Ajruplan jista' jsofri minn frizzjoni insuffiċjenti, li tista' tnaqqas l-effiċjenza tal-brejkijiet u twassal biex l-ajruplan jaqbeż il-limiti jew jimxi lil hinn miż-żona tat-tluġh u l-inżul. Eżempju ieħor ikun meta jkun hemm irregolaritajiet fuq is-superfiċje u dawn jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin it-tluġh u l-inżul ta' ajruplan billi jikkawżaw *bouncing* eċċessiv, *pitching*, vibrazzjoni jew diffikultajiet oħra

- ta' kundroll. Il-konsegwenzi ta' dan t'hawn fuq jistgħu saħansitra jkunu xi inċident ta' l-avjazzjoni bil-fatalitajiet. Għalhekk, l-uniku mod prattiku biex jitnaqqsu dawn ir-riskji mhux aċċettabbli huwa li jiġu imposti karatteristiċi tas-superfiċje li jkunu adattati, sabiex jinżammu lura milli jseħħu attivitajiet bħal dawn. Dan huwa l-għan ta' l-ER A.1.a.v, li jirrifletti s-SARPS ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO bħal ma huma daww li jinsabu fil-paragrafi 3.1.21 sa 3.1.25 tal-Volum I.
15. Jekk jitħalla jew jiġi installat xi oġġett perikoluż (e.ż. marki mhux fraġli jew għajnuniet viżwali ta' dimensjonijiet li jidhru wisq) f'żona ta' nżul u tluġħ, l-ajruplan jista' jolqotha b'riżultat ta' ħsara lill-ajruplan jew saħansitra, jekk dan iseħħ b'veloċità qawwija biżżejjed, jikkawża feriti jew mewt lill-okkupanti ta' l-ajruplan. L-ER A.1.a.vi għalhekk jeżiġi li żoni ta' nżul u tluġħ ikunu ħielsa minn oġġetti li jistgħu joħlqu riskji mhux aċċettabbli, konsistenti mal-paragrafi ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO, bħal daww li jinsabu f'Kapitolu 9.9 u Kapitolu 10.2 f'Volum I.
 16. F'każijiet ta' ajrudromi b'aktar minn żona waħda ta' nżul u tluġħ, jeżisti riskju potenzjali li xi ajruplan jispiċċa viċin wisq ta' żona oħra ta' nżul u tluġħ, u allura jfixkel l-operazzjonijiet f'dik iż-żona. Mingħajr preġudizzju għal miżuri operattivi, bħar-restrizzjoni ta' l-immaniġġjar tattiku tat-traffiku ta' l-ajru, dawn it-tip ta' perikli jistgħu jitnaqqsu b'disinn xieraq tat-tqassim ta' l-ajrudrom, inklużi distanzi minimi adegwati bejn żoni ta' nżul u tluġħ, u jiddependi wkoll skond il-proċeduri operattivi ta' kif dawn ir-*runways* huma ppjanati biex jintużaw. L-ER A.1.b. ġie żviluppat biex jaħseb għall-mezzi relatati li jnaqqsu r-riskji mid-disinn. Huwa jippermetti l-iżvilupp ta' miżuri implimentattivi li jikkonformaw ukoll ma' dispożizzjonijiet bħal daww speċifikati fil-paragrafi 3.1.10 u 3.1.11 ta' Volum I, ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO, u d-distanzi għas-separazzjoni tal-ħelikopters mitluba mill-Volum II ta' l-Anness 14.
 17. Matul l-aħħar fażi ta' l-inżul jew l-ewwel fażi tat-tluġħ, l-ajruplani huma tant viċin l-art li għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jeliminaw kull oġġett mhux aċċettabbli (e.ż. antenni mhux fraġli għan-navigazzjoni bir-radju) li miegħu jistgħu jaħbtu. Għalhekk l-ER A.1 ċ. u s-subparagrafi tiegħu i, ii, iii u iv, jimponu l-istabbilment ta' żoni ta' sigurtà madwar iż-żona ta' l-inżul u t-tluġħ, b'karatteristiċi fiżiċi adegwati u biex ikunu ħielsa minn oġġetti mhux aċċettabbli. Dawn iż-żoni huma tabilħaqq maħsuba biex jiproteġu l-ajruplani li jkunu qed itiru fuqhom waqt operazzjonijiet ta' tluġħ jew inżul, jew waqt li l-ajruplan involontarjament jinżel barra mir-*runway*, jew jispiċċa fuq ġenb minnhom ta', jew jaqbeż it-tmiem taż-żona tat-tluġħ u l-inżul. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu l-iżvilupp ta' miżuri implimentattivi aktar speċifiċi filwaqt li jkunu konformi mal-paragrafi relevanti tal-Kapitolu 3, Volumi I u II, ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO.
 18. Skond l-użu maħsub ta' ajrudrom fuq l-art jew inkella fuq struttura magħmula mill-bniedem, iż-żoni ta' l-inżul u t-tluġħ jaf ikollhom bżonn jiġu ssupplimentati b'żoni li għandhom jintużaw għat-trasport minn post għall-ieħor u/jew l-ipparkjar ta' l-ajruplan. Anke jekk ajruplan ikun qed imur minn post għall-ieħor ġewwa ż-żona stess ta' l-ajrudrom b'veloċità relattivament baxxa, jekk jolqot ostaklu jew jitlef il-kundroll fuq wiċċ li jiżloq u li ma jkollux saħħa biżżejjed, dan jista' jwassal għal inċident. Biex jitnaqqas ir-riskju, dawn iż-żoni għandhom ikunu ddisinjati biex jippermettu l-operat b'sigurtà ta' l-ajruplani fil-kundizzjonijiet kollha li jistgħu jiġu previsti. Il-kriterji għal dawn iż-żoni huma msemmija fl-ER A.1.d. u s-subparagrafi tiegħu i, ii, iii, iv u v, għal darb'oħra b'referenza għas-saħħa (*bearing strength*), l-ilma tad-drenaġġ, l-inżul, il-karatteristiċi tas-superfiċje u l-preżenza ta' oġġetti perikolużi. Biex jiġi evitat li wieħed jimponi fuq dawn iż-żoni, permezz ta' regoli implimentattivi sussegwenti, l-istess karatteristiċi fiżiċi stretti bħal daww li japplikaw għaż-żoni ta' l-inżul u t-tluġħ, is-suġġett huwa ttrattat separatament. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu konformità mal-paragrafi relatati tal-Volum I ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO, u obbligi simili f'Volum II, Kapitolu 3, relevanti wkoll

meta jithellaw isiru operazzjonijiet ta' ħelikopters fuq ajrudrom maħsub primarjament għall-ajruplani.

19. L-istess prinċipji, kif spjegati fil-paragrafu ta' qabel, japplikaw ukoll għall-infrastruttura l-oħra bħal stends, pontijiet fl-arja (*air bridges*) jew tagħmir ieħor li jista', f'każ ta' ħbit, jikkawża inċident. L-ER A.1.e jindirizza din il-kwistjoni filwaqt li jippermetti konformità mal-prinċipji tal-Kapitolu 3, Volum I, Anness 14 ta' l-ICAO.
20. Aktar u aktar ajrudromi huma ċ-ċentru ta' ħafna attivitajiet, li jistgħu jkunu purament kummerċjali fin-natura tagħhom u diretti lejn il-passiġġieri jew utenti oħra ta' l-ajrudrom li m'humix attwalment involuti fl-operazzjonijiet ta' l-ajruplani. Għal dawn ir-raġunijiet jista' jkun hemm bżonn ta' kostruzzjonijiet speċifiċi, bini jew tagħmir. Dawn l-attivitajiet, fihom infushom, minkejja li mhumiex kruċjali direttament għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, jistgħu madankollu u bi żvista joħolqu perikli indotti ta' sigurtà. Per eżempju, bini ġdid, anke jekk fih innifsu ma jkunx qed jikkostitwixxi ostaklu, jista' jikkawża turbulenza indotta għal ajruplan li jista' jwassal biex il-pilota jitlef il-kuntroll. Eżempji oħra ta' perikli potenzjali kkawżati minn żviluppi bħal dawn huma: nuqqas ta' osservanza tad-distanzi ta' separazzjoni; tfixkil fil-viżibbiltà ta' l-utenti tat-ATC jew ta' l-ajrudrom; skart minn żoni ta' ħażna li joħloq ħsara ta' oġġetti barranin; żoni ta' ħġieġ jew uċuħ oħra llustrati li jikkawżaw riflessjoni tax-xemx; disinn tal-bini li jikkawża r-radar biex jirrifletti, interferenza fl-għajnuniet ta' navigazzjoni jew interferenza minn dawl li jagħti f'ħafna direzzjonijiet (*multipath lighting*) jew minn dawl fl-isfond (*background lighting*) lill-vista tal-pilota... kollha kemm huma jistgħu jwasslu potenzjalment għat-telf ta' ajruplan. It-tnaqqis ta' dawn ir-riskji jinsab fl-ER A.1.f, li jirrifletti wkoll is-SARPS li jinsabu fl-Anness 14 ta' l-ICAO.
21. Finalment, minħabba l-veloċità qawwija ta' l-ajruplani fl-inżul u fit-tluġ tagħhom, jekk tintlaqat persuna, animal jew vettura, dan jista' jwassal għal inċident. L-ER A.1.g jnaqqas dan ir-riskju filwaqt li jiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-ICAO, bħal dawk inklużi fil-Kapitolu 3, Volum I, Anness 14 ta' l-ICAO.

(ii) *Tneħħija ta' ostakli*

22. L-istatistika dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni turi li l-inżul u t-tluġ huma l-aktar fażijiet kritiċi ta' titjira. Tabilħaqq huwa matul dawn il-fażijiet tat-titjira li l-ajruplani għandhom itiru f'altitudni baxxa fuq iż-żona fil-madwar ta' l-ajrudrom. Allura jinħtieġ li jiġi żgurat li trajettorji użabbli għall-wasla u għat-tluq jistgħu jiġu ddefiniti li jipprovdu kklirjar biżżejjed 'il fuq mill-art u ostakli, ġewwa jew barra l-perimetru ta' l-ajrudrom, meta l-ajruplan jinżel jew jitla'. Ir-rotot jew żoni relatati jikkostitwixxu parti integrali mid-disinn ta' l-ajrudrom, billi ma hemm l-ebda possibbiltà li ajrudrom jintuża b'sigurtà jekk ma jkun hemm l-ebda trajettorja li tkun tista' tiġi segwita mill-medja ta' l-ajruplani li jkunu jużaw dak l-ajrudrom jekk ikun hemm dan l-ikklijar. Dan huwa l-għan ta' l-ER A.2 u s-subparagrafi tiegħu a) u b). Huwa jirrifletti l-Kapitolu 4 ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO dwar ir-restrizzjoni u t-tneħħija ta' l-ostakli u d-Dokument 8168 ta' l-ICAO dwar il-proċeduri tat-Tluq, tal-Wasla u ta' l-Inżul.

(iii) *Għajnuniet Viżwali u Mhux Viżwali u Tagħmir ta' l-Ajrudrom*

23. Fil-każ li xi ekwipaġġi tat-titjira joperaw fuq ajrudrom li tiegħu ma jkunux familjari jew f'nuqqas ta' viżibbiltà, is-sinjali, markaturi, marki u għajnuniet viżwali jew mhux viżwali oħra għandhom ikunu li jipprovdu informazzjoni ċara mingħajr l-ebda possibbiltà ta' konfużjoni. Li kieku dan ma jkunx il-każ, ikun hemm ajruplani li jinżlu fil-parti l-ħażina taż-żona ta' l-inżul u t-tluġ; ajruplani jiddevjaw mil-linji ċentru tat-*taxiway*; jew jipparjaw fil-post il-ħażin, u li dan kollu jista' jżid ir-riskju li jseħħ xi inċident. Barra minn dan, din l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod ċar lil kull ekwipaġġ ta' l-ajru f'kull ajrudrom madwar id-dinja biex jiġi evitat li xi ekwipaġġ ta' l-ajru mhux familjari jeżegwixxi manuvri ħżiena. Għalhekk huwa

neċessarju li l-liġi titlob li d-disinn ta' l-ajrudrom jinkludi l-ġhajnuniet u l-marki li huma meħtieġa biex inaqqsu dawn ir-riskji. Dan huwa l-għan ta' l-ER A.3.a, li jirrifletti r-rekwiżiti minn diversi paragrafi tal-Kapitolu 5 ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO. Għandu jkun innutat li l-għażla tal-kliem tapplika wkoll għal ġhajnuniet tan-navigazzjoni bir-radju, billi l-funzjoni tagħhom tikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudrom. Se tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' regoli implimentattivi, proċessi ta' AMCs u ta' tfassil ta' regoli relatati, permezz ta' koordinament strett mal-programm ta' ħidma ta' "Ajru Uniku Ewropew".

24. L-esperjenza turi li qed isiru ħsarat konsiderevoli lill-ajruplani matul l-operazzjonijiet tat-taxiing u l-ipparkjar⁶ minħabba l-ħsara jew id-deterjorazzjoni ta' l-ġhajnuniet u t-tagħmir hawn fuq imsemmija (e.ż. billi jipprovdu informazzjoni mhux preċiża biżżejjed jew billi jieqfu f'daqqa milli jkomplu jaħdmu); l-implimentazzjoni, l-operat u l-manutenzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudrom huma għalhekk parti integrali mis-sigurtà ta' l-ajrudrom. Għalhekk ġie introdott l-ER A.3.b biex inaqqs ir-riskji relatati.
25. Barra minn dan, ħafna mill-ġhajnuniet viżwali jew mhux viżwali huma sistemi li l-funzjoni kontinwa tagħhom tiddependi fuq il-provvista ta' l-enerġija elettriċa. Kull interruzzjoni fil-provvista ta' l-enerġija m'għandhiex toħloq sitwazzjoni li tiddegrada l-informazzjoni essenzjali mogħtija lill-ekwipaġġi tat-titjira. Sitwazzjoni ta' riskju mhux aċċettabbli tista' tiżviluppa f'każ ta' tluq f'viżibbiltà baxxa jekk id-dwal tar-runway jintfexx, jew jekk f'każ ta' ajruplani neżlin bil-lejl is-sistema ta' dwal li tiggwida l-inżul tintefa. L-istess japplika għas-sinjali tan-navigazzjoni bir-radju. Huwa għalhekk li ddaħħlet miżura, li tnaqqas ir-riskji f'każ ta' interruzzjoni fil-provvista ta' l-enerġija lil ġhajnuniet viżwali u mhux viżwali, fl-ER A.3.ċ, u li tikkonforma wkoll mal-prinċipji stabbiliti fil-Kapitolu 8, tal-Volum I ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO, li jkopri sistemi ta' provvista ta' enerġija elettriċa għall-faċilitajiet kollha tan-navigazzjoni bl-ajru. Kif imsemmi diġà hawn fuq, il-possibbiltà li jkun hemm duplikazzjoni ma' l-"Ajru Uniku" se tiġi evitata meta jiġu żviluppanti regoli implimentattivi ddettaljati u proċessi ta' verifika.
26. Biex tikkomplimenta ż-żewġ paragrafi hawn fuq, bil-għan li jiġu żgurati operazzjonijiet *failsafe* ta' ġhajnuniet viżwali u mhux viżwali, għandha tingħata wkoll protezzjoni kontra fatturi esterni. Disturbi intenzjonati jew sabutaġġ jistgħu jagħmlu ħsara f'daqqa lil fanal (*beacon*) ta' navigazzjoni. Din is-sitwazzjoni tista' potenzjalment toħloq riskju mhux aċċettabbli. L-iskop ta' l-ER A.3.d huwa li jnaqqas dak ir-riskju. Huwa jaqbel ukoll mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 9, Volum I, ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO.
27. Barra minn dan, sorsi ta' radjazzjoni jew oġġetti jiċċaqalqu jistgħu jikkawżaw anomalijiet fis-sinjali tan-navigazzjoni bir-radju wżati mill-ajruplani. Ħafna sorsi ta' radjazzjoni huma implimentati ġewwa l-perimetru ta' l-ajrudrom billi dawn huma meħtieġa biex jassistu n-navigazzjoni ta' l-ajru, u naturalment hemm ukoll vetturi mexjin fuq l-ajrudrom u saħansitra fiż-żona tal-moviment. Għalhekk l-ER A.3e) jimmira biex inaqqs ir-riskji mhux aċċettabbli li dawn il-fatturi jistgħu joħlqu, kif huwa mitlub ukoll mill-Anness 10 ta' l-ICAO, li jipproteġi ġhajnuniet tan-navigazzjoni bir-radju. L-ER għandu jitqies ukoll flimkien ma' l-ERs B.1.b u C.1., li jindirizzaw lill-operaturi u l-awtoritajiet pubbliċi, u li jimmiraw li jnaqqsu l-istess riskju meta dan ikun taħt il-kuntroll tagħhom.
28. Finalment, l-istaff li jopera jew li juża tagħmir ta' l-ajrudromi jista' jikkawża riskju mhux aċċettabbli għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, għandu jingħata informazzjoni xierqa w indikazzjoni ċara ta' dawk il-kundizzjonijiet potenzjalment mingħajr sigurtà. L-ER A.3.f ġie mfassal għal dak l-iskop.

⁶ Ara: http://www.flightsafety.org/gap_home fejn il-Fondazzjoni għas-Sigurtà fit-Titjir (FSF) tivvaluta l-piż totali minn dawn l-inċidenti għal madwar 10,000 miljun US \$ (2006)/kull sena. Is-suġġett huwa analizzat aktar fil-Valutazzjoni ta' l-Impatt Regolatorju.

(iv) *Dejta dwar l-ajrudrom*

29. Id-dejta dwar l-ajrudrom għandha tiġi stabbilita u tinkludi informazzjoni dwar id-diversi karatteristiċi fiżiċi ta' l-ajrudrom, bħal-lok tiegħu, l-elevazzjoni tal-punti kritiċi differenti, id-direzzjoni u d-dimensjonijiet taż-żoni tat-tluġ u l-inżul, id-dimensjonijiet taż-żoni ta' manuvri u l-eżistenza u l-lok tat-tipi differenti ta' għajnuniet viżwali jew mhux viżwali. Din id-dejta għandha tkun korretta dejjem biex tiżgura s-sigurtà ta' l-operazzjonijiet ta' l-ajruplani li jużaw l-ajrudrom. Għalhekk id-dejta kollha rilevanti għandha tinżamm aġġornata. Informazzjoni skorretta mogħtija lill-ekwipaġġ tat-titjira toħloq riskju sinifikanti, per eżempju li l-ajruplan jaħbat ma' ostaklu li m'huwiex imsemmi fid-dejta. Din hija r-raġuni għall-ER A.4.a, li huwa konsistenti mal-Kapitolu 2 ta' l-Anness 14 ta' Volum I.
30. Il-paragrafu ta' qabel jitkellem dwar il-bżonn li tiġi stabbilita dejta rilevanti ta' l-ajrudromi u biex din tinżamm aġġornata. Madankollu, dan fih innifsu m'huwiex biżżejjed. L-ekwipaġġ tat-titjira għandu jirċievi wkoll dejta adattata, li tinqara, kompluta u mhux ambigwa. Fir-rigward ta' l-obbligi stabbiliti f'(iii) immedjatement hawn fuq, dik id-dejta disponibbli lill-avjaturi bi preċiżjoni suffiċjenti u f'format standardizzat, se tikkontribwixxi kemm għas-sigurtà kif ukoll għall-interoperabbiltà. Għalhekk il-preċiżjoni, l-integrità u l-format ta' dik id-dejta huma importanti ħafna, partikolarment għal *databases* ta' tagħmir modern ta' navigazzjoni. Jekk id-dejta hija ambigwa, żgwidanti jew korrotta, din ma tkunx tista' twassal l-informazzjoni meħtieġa bir-riżultat ta' l-istess riskju daqslikienu ma kien hemm l-ebda dejta, jew inkella aġar, id-dejta tista' tiġi interpretata ħażin u toħloq sitwazzjoni inċerta. Dan jinsab fl-ER A.4.b, li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2, ta' l-Anness 14, Volum I.
31. Biex il-qafas tad-dejta dwar l-ajrudromi deskritt hawn fuq isir komplut, huwa wkoll essenzjali li jiġu stabbiliti metodi u mezzi biex din tiġi kkomunikata malajr u mingħajr ma jinbidel il-kontenut tagħha. Il-periklu li jinholq meta wieħed ikollu dejta ħażina jew meta jirċievi d-dejta tard wisq huwa evidenti minn dak li ntqal hawn fuq. L-iskop ta' l-ER A.4.c huwa li jiżgura l-inkorruptibbiltà tat-trasmissjoni tad-dejta u trasmissjoni malajr, u għal darb'oħra dan l-ER jaqbel mad-dispożizzjonijiet ta' l-ICAO fil-Kapitolu 2 ta' l-Anness 14.

c - Operazzjonijiet u Ġestjoni ta' l-ajrudrom

(i) *Obbligi applikabbli għall-operaturi kollha ta' l-ajrudromi*

32. L-għażla tal-kliem tar-rekwiżiti essenzjali saret b'ċerta reqqa biex jiġi evitat li jiġu stabbiliti obbligi ta' riżultati (biex jiġi żgurat) li l-operaturi ma jkunux jistgħu jissodisfaw. Il-verb "wera" ġie użat minflok sabiex titħalla għażla miftuħa bejn diversi għażliet biex jissodisfaw ir-rekwiżit, bħal per eżempju:
- Jitwettqu direttament u jiġu ddokumentati r-rekwiżiti assoċjati;
 - Jiġi stabbilit kuntratt u jekk meħtieġ *service level agreement* ma' kumpanija differenti;
 - Tingħata evidenza, e.ż. li tkun toħroġ minn deċiżjoni leġittima ta' l-Awtorità pubblika, li l-funzjoni hija mwettqa minn awtorità kompetenti (e.ż. l-entità tas-Servizzi tat-Traffiku ta' l-Ajru magħżula biex tipprovdi s-servizzi tat-Torri tal-Kontroll, jew RFFS ipprovduti minn organizzazzjonijiet pubbliċi) skond ftehim xierqa.
33. Ir-responsabbiltà prinċipali ta' operatur hija li jiżgura li l-ajrudrom jintuża dejjem fl-aħjar kundizzjonijiet tas-sigurtà. Din l-istqarrija hija mfakkra fl-ER B.1. Dan jeżiġi li l-operatur ta' l-ajrudrom ikollu l-mezzi meħtieġa, li jvarjaw minn riżorsi umani, materjal u tagħmir, organizzazzjoni u proċeduri, f'proporzjon mad-daqs, il-kumplessità u t-tip ta' l-operazzjonijiet ta' l-ajruplani servuti mill-ajrudrom. Dan huwa rifless fl-ER B.1.a.

34. L-operatur ta' l-ajrudrom għandu mbagħad jivverifika li l-ajrudrom jikkonforma kontinwament mar-rekwiżiti f'Sezzjoni A ta' l-ERs. Jekk isseħħ xi ħaġa li tagħmel lill-ajrudrom, jew parti minnu, mhux konformi, anke temporanjament, l-operatur ta' l-ajrudrom għandu jieħu azzjoni rimedjali jew jara li jkun hemm il-miżuri meħtieġa li jnaqqsu r-riskji, u jikkomunika l-informazzjoni relatata lill-operaturi ta' l-ajruplani. Dawn il-miżuri jvarjaw mill-egħluq ta' l-ajrudrom sa li jiġu adottati proċeduri biex jikkompensaw għal perikli temporanji. Dan il-prinċipju bażiku huwa stabbilit fl-ER B.1.b, li jirrifletti dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 2.9 ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO u fil-paragrafu 4.5 ta' l-Appendiċi 1 tal-Manwal ta' l-ICAO dwar iċ-Ċertifikazzjoni ta' l-Ajrudromi.
 35. Jekk xi ajruplan, meta jinżel jew jitla', jolqot xi annimal jew għasfur, dan jista' jikkawża ħsara lill-ajruplan u b'hekk jista' jikkawża inċident. Għal dawn ir-raġunijiet huwa importanti li l-operaturi ta' l-ajrudromi jistabbilixxu u jimplementaw sistemi jew proċeduri biex josservaw u jikkontrollaw għasafar u annimali fuq u madwar l-ajrudromi biex jiżguraw li dawn ma jkollhom l-ebda impatt detrimentali fuq is-sigurtà ta' l-ajruplani. Dan l-obbligu huwa rifless fl-ER B.1.c u huwa wkoll konformi mas-SARPS ta' l-ICAO fil-paragrafi 9.4 u 9.10, Volum I, Anness 14.
 36. Barra minn dan, għandhom jiġu żviluppati u wżati proċeduri biex jikkoordinaw il-moviment tal-vetturi u l-persuni fuq iż-żona tal-moviment u ż-żoni l-oħra ta' l-operat, biex jiġu evitati l-ħbit u l-ħsarat lill-ajruplani. Dawn l-għanijiet u l-kjarifiki huma l-bażi ta' l-ER B.1.d. Minn perspettiva ta' sustanza, il-pożizzjoni li qed tittieħed hawn hija konformi għal kollox mal-Kapitolu 9, Volum I, l-Anness 14 ta' l-ICAO.
 37. Għal raġunijiet ovvjji ħafna, ajrudrom m'għandux jiġi operat f'kundizzjonijiet ħżiena ta' temp, viżibbiltà mnaqqa jew bil-lejl, mingħajr il-proċeduri operattivi proprja u d-disponibbiltà tal-provvedimenti meħtieġa u t-tagħmir. In-nuqqas ta' dawn il-miżuri, jekk japplikaw għal ajrudrom maħsub biex jiġi operat taħt il-kundizzjonijiet imsemmija, jista' jwassal għal inċident. Għalhekk, ġie żviluppat l-ER B.1.e, li jirrifletti wkoll prinċipji simili kif iddefiniti bil-paragrafu 4.16 ta' l-Appendiċi 1 tal-Manwal ta' l-ICAO dwar iċ-Ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi.
 38. Is-sigurtà fl-operat ta' ajruplan f'ajrudrom tista' tiġi affettwata minn numru ta' atturi differenti. L-ajrudrom huwa wieħed minn dawn l-atturi, li l-operazzjonijiet tiegħu nnifsu għandhom jiġu kkombinati u kkoordinati ma' daww minn atturi oħra rilevanti fil-katina tas-servizzi. B'mod partikolari, dan huwa hekk fil-każ ta' l-operaturi ta' l-ajru nnifishom, il-kumpaniji tal-*ground handling*, il-fornituri tal-fjuwil u fornituri ta' servizzi oħra li l-attivitajiet tagħhom jistgħu jikkawżaw riskji mhux aċċettabbli lis-sigurtà ta' l-avjazzjoni. Is-sinifikanza tal-koordinazzjoni fir-rigward ta' operazzjonijiet b'sigurtà wasslet biex dan ikun rekwiżit fuq livell legali, kif rifless fl-ER B.1.f. Dan huwa rifless ukoll fil-paragrafu 2.2 e) tal-mawal ta' l-ICAO dwar iċ-Ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi.
 39. Huwa vera li f'numru ta' ajrudromi, il-*ground handlers* jipprovdu servizzi ta' provvista ta' fjuwil, liema servizzi jaqgħu barra mir-responsabbiltà ta' l-operatur ta' l-ajrudrom. Imma huwa vera wkoll li dan ta' l-aħħar jista' jkun responsabbli għaż-żoni tal-ħażna u/jew is-sistema tal-pajpijiet tal-fjuwil. Għalhekk ġie inkluż il-paragrafu B.1.g, meta għal darb'oħra l-verb "wera" huwa wżat biex ikopri mudelli differenti ta' organizzazzjoni.
 40. Finalment huwa ovvju li t-tagħmir ta' l-ajrudrom relatat mas-sigurtà (e.ż. RFFS, għajnuniet viżwali u mhux viżwali eċċ) għandu jingħata manutenzjoni u jiġi spezzjonat kif jixraq, sabiex jibqa' tajjeb għall-użu. Għalhekk fil-prattika għandu jkun hemm u jiġu applikati struzzjonijiet proprja, kif rifless fl-ER B.1.h.
- (ii) *Emerġenzi u Salvataġġ u Tifi tan-Nar*
41. L-ippjanar ta' l-aspetti ta' l-emerġenza ta' l-ajrudromi huwa proċess ta' preparazzjoni għal emerġenza li tista' sseħħ fl-ajrudrom jew fil-viċinanzi tiegħu. Din il-preparazzjoni hija miżura

essenzjali biex tnaqqas is-severità ta' l-inċidenti li jistgħu jseħħu. Dan il-pjan għandu jipprovdi għall-koordinazzjoni tar-reazzjoni ta' l-atturi kollha li huma kapaċi jassistu f'każ bħal dan. Inċident li fil-bidu m'huwiex perikoluż jaf isir serju ħafna u jwassal għal telf ta' ħajjiet jekk ma jiġix ittrattat kif suppost. Għalhekk huwa essenzjali li r-riskji relatati jitnaqqsu b'miżuri ta' emerġenza ppjanati minn qabel. Dawn il-miżuri huma mposti fil-paragrafu B.1.i li jirrifletti wkoll id-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu 9.1, Volum I, Anness 14 ta' l-ICAO. Anke jekk dan il-pjan huwa parti minn pjan globali mmexxi minn entitajiet li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-operatur ta' l-ajrudrom, madankollu dan ta' l-aħħar għandu jstabbilixxi u japplika proċeduri minimi biex ikopru emerġenzi li jistgħu jseħħu (e.ż. struzzjonijiet u informazzjoni lill-istaff responsabbli biex jiġu stabbiliti kuntatti ma' partijiet oħra ppjanati biex jintervjenu malajr).

42. Mezz ovvju ta' kif wieħed ilaħħaq ma' dawn is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza huwa li jkollu u li jżomm operattivi Servizzi ta' Salvataġġ u ta' Tifi tan-Nar (RFFS – *Rescue and Fire Fighting Services*) xierqa, kif mitlub mis-SARPs⁷ ta' l-ICAO. Dawn is-servizzi għandhom ikunu proporzjonati skond l-ajruplani li jużaw l-ajrudromi, kemm fir-rigward ta' persunal kif ukoll fir-rigward ta' mezzi li jitfu n-nar, imma l-Aġenzija, meta tqis il-kummenti riċevuti, tikkunsidra li jinħtieġ li għandu jkun hemm flessibilità biżżejjed biex jinħoloq bilanċ bejn l-ispejjeż u l-ħtiġijiet tas-sigurtà meta wieħed jippjana s-servizzi msemmija. Għaldaqstant tfassal l-ER B.1.j.

(iii) *Persunal ta' l-ajrudrom*

43. L-istess bħall-membri ta' l-ekwipaġġ ta' l-ajru, il-persuni involuti fl-operazzjonijiet ta' l-ajrudrom jew fil-manutenzjoni, u li l-attivitajiet tagħhom jistgħu jkollhom impatt fuq is-sigurtà ta' l-operazzjonijiet ta' l-ajruplani, għandhom ikunu suġġetti wkoll għal taħriġ proporzjonat, rekwiżiti ta' kwalifiki u ta' kompetenza kontinwa relatati mhux biss mal-kompiti speċifiċi tagħhom, imma b'mod aktar ġenerali fir-rigward tar-regoli u l-proċeduri tas-sigurtà fl-avjazzjoni applikabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajrudrom. Barra minn dan, irrispettivament mil-livell meħtieġ ta' kompetenza, it-tagħlim ta' dawn in-nies għandu jinżamm aġġornat fir-rigward ta' tibdiliet sinifikanti fl-operazzjonijiet ta' l-ajrudromi. Għalhekk fil-fatt il-paragrafu B.1.k jintroduċi l-bżonn biex dawn in-nies jitħarrġu, ikunu kwalifikati u kompetenti kontinwament biex jeżegiwxxu d-dmirijiet tagħhom relatati mas-sigurta. Dan il-prinċipju huwa diġà stabbilit bil-paragrafu 3D.2 tal-Manwal ta' l-ICAO dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi.
44. Kull persuna li tingħata aċċess bla skorta liż-żona tal-moviment jew liż-żoni oħra ta' l-operat tista' toħloq riskju mhux aċċettabbli lill-operazzjonijiet ta' l-ajruplani jekk ma tkunx imħarrġa kif suppost, jew infurmata bil-proċeduri stabbiliti tas-sigurtà relatati ma' daww iż-żoni. Dan japplika mhux biss għall-impjegati ta' l-operatur ta' l-ajrudrom jew għal xi wieħed mill-kuntratturi tiegħu, imma wkoll għal entitajiet oħra (e.ż. *ground handlers*) awtorizzati biex joperaw fil-pjazza (*apron*) jew fiż-żoni oħra ta' l-operat. Dan huwa l-iskop ta' l-ER B.1.l, li japplika wkoll għas-sewwieqa ta' kull vettura fuq l-ajrudrom. Dan l-ER huwa konformi bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 9 ta' Volum I ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO.
45. Tabilħaqq, is-Servizzi tas-Salvataġġ u tat-Tifi tan-Nar ukoll, imsemmija f'(ii) hawn fuq, għandhom jimpjegaw persunal mhux biss imħarreġ b'mod ġenerali għal attivitajiet simili, imma mħarreġ speċifikament u li jkun f'qagħda medika li jopera fl-ambjent ta' l-avjazzjoni. Dan huwa rifless fl-ERs B.1.m u n.

(iv) *Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà (SMS)*

46. Kif intwera bil-lista t'hawn dwar ir-Rekwiżiti Essenzjali taħt ir-responsabbiltà ta' l-operaturi, operazzjonijiet b'sigurtà ta' l-ajrudrom jirrikjedu li jiġu implimentati numru ta' miżuri li jnaqqsu r-riskji f'oqsma diversi minn persuni mħarrġa kif suppost u b'mod ikkoordinat bir-

⁷ Jiġifieri r-raba' edizzjoni ta' l-Anness 14, flimkien ma' l-emenda 7 ddatata 11 ta' Lulju 2004 u l-emendi 8 u 9 ddatati 11 ta' Lulju 2006, fejn il-kategorija ta' l-ajruporti għall-RFFS hija ddeterminata skond l-ajruplani li "normalment jużaw" l-ajruport.

reqqa. Meta ajrudrom jilħaq ċertu livell ta' kumplessità, dan jista' jintlaħaq biss billi jkun hemm u tiġi implimentata sistema ta' ġestjoni adattata li tkopri s-sigurtà u l-kwalità fil-livell meħtieġ ta' l-operat. Sistema bħal din għandha timmira għal titjib kontinwu, ibbażat fuq analiżi kontinwa ta' l-inċidenti u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll fuq il-promozzjoni ta' kultura ta' sigurtà. Dan huwa diġà aċċettat sew fil-komunità internazzjonali ta' l-ajrudromi u rifless fl-Istandards 1.5.3 fl-Anness 14 ta' l-ICAO, li jeżiġi sistema formali ta' ġestjoni tas-sigurtà (SMS) għall-operaturi kollha ċċertifikati ta' l-ajrudromi. Sistema bħal din għandha naturalment tissodisfa kriterji xierqa kif deskritti fil-Kapitolu 1.4 ta' l-istess Anness.

47. Kif spjegat fl-Opinjoni nnifisha, fl-Ewropa hemm appoġġ kbir favur iċ-ċertifikazzjoni ta' l-operaturi ta' l-ajrudromi kollha miftuħa għall-pubbliku. Madankollu wieħed jifhem ukoll li organizzazzjonijiet żgħar isibuha diffiċli biex jimplementaw SMS ġenwina; li wieħed jimponi piż bħal dan fuq l-operaturi ta' l-ajrudromi ż-żgħar ikun ukoll f'proporzjon mar-riskji attwali relatati ma' l-operat tagħhom. Filwaqt li l-ICAO teżiġi sistema bħal din, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-istandard imsemmi hawn fuq japplika biss għal ajrudromi wżati għal operazzjonijiet internazzjonali, li rari jkunu ajrudromi żgħar. Għalhekk l-Aġenzija tikkunsidra li għandhom jintalbu jimplementaw sistema ta' SMS dawk l-operaturi biss ta' ajrudromi relattivament kumplessi.
48. Biex wieħed jiddefinixxi dak il-livell ta' kumplessità, filwaqt li wieħed iqis il-kummenti riċevuti dwar il-proposti li jinsabu fi NPA 06/2006, u filwaqt li dawn huma konsistenti ma' l-obbligi ta' l-ICAO, soluzzjoni sempliċi tista' tkun li tiġi imposta SMS fuq dawk l-operaturi biss ta' ajrudromi wżati għat-trasport bl-ajru internazzjonali u kummerċjali. Madankollu, dan jista' jgħaliq diffikultajiet fil-kuntest tal-Komunità fejn l-ajrudromi kollha miftuħa għall-użu tal-pubbliku, b'definizzjoni, huma miftuħa għat-traffiku ta' l-ajru ġewwa l-Komunità. Għalhekk jinħtieġ li wieħed ikun aktar speċifiku jekk irridu verament nillimitaw l-obbligu għall-ajrudromi kumplessi. L-Aġenzija tikkunsidra li dan jista' jintlaħaq bl-interpretazzjoni ta' "użat għal operazzjonijiet kummerċjali" bħala li tfisser l-ajrudromi li jservu servizzi ta' l-ajru bi skeda⁸. Din hija l-intenzjoni ta' l-ER. B.2.

d - Inħawi ta' l-ajrudrom

49. Kif spjegat fil-paragrafu 6 xi elementi importanti meħtieġa biex inaqqsu l-perikli viċin l-ajrudromi, ma jistgħux sempliċement jiġu imposti legalment fuq is-sid ta' l-ajrudrom jew l-operatur. Ir-raġuni għal dan huwa li dawn il-perikli joriġinaw f'żoni barra l-perimetru ta' l-ajrudrom u ma jistgħux jiġu kkontrollati direttament jew imnaqqsa minn atturi ta' l-avjazzjoni. Għalhekk l-Aġenzija tikkunsidra li l-estenzjoni tar-Regolament Bażiku toffri strument xieraq biex jindirizza r-riskji relatati billi jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li jieħdu miżuri xierqa ħalli jindirizzaw perikli ta' sigurtà, li ma jistgħux jiġu solvuti mis-sidien ta' l-ajrudromi jew l-operaturi. Għalhekk is-Sezzjoni Ċ tinkludi r-rekwiżiti essenzjali li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri, li naturalment jibqgħu ħielsa biex jiddeċiedu dwar il-mezzi li għandhom jużaw biex jilħqu l-għanijiet mitluba.
50. Dak l-ispazju ta' l-ajru ddefinit madwar ajrudrom għandu jinżamm ħieles mill-ostakli sabiex iħalli lill-ajruplani jinżlu u jitilgħu fis-sigurtà. Dan jikkonċerna essenzjalment dawk l-ostakli

⁸ KUMM (2006) 396 tat-18 ta' Lulju 2006 – "Proposta għal Regolament tal-PE u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operazzjonijiet ta' servizzi ta' trasport bl-ajru fil-Komunità (abbozzata mill-ġdid)" tipproponi d-definizzjoni li ġejja:

Servizzi ta' l-ajru bi skeda tfisser serje ta' titjiriet li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) Fuq kull titjira, s-sits u/jew il-kapaċità li jiġu ttrasportati merkanzija u/jew posta jistgħu jinxtraw individwalment mill-pubbliku (kemm direttament mil-linja ta' l-ajru jew mill-aġenti awtorizzati tagħha);

(b) It-titjira hija operata sabiex isservi ta' traffiku bejn l-istess żewġ ajruporti jew aktar, kemm jekk:

- skond orarju ppubblikat; jew
- b'titjiriet tant regolari jew frekwenti li huma jikkostitwixxu serje sistematika li tingħaraf.

barra l-perimetru ta' l-ajrudrom, li jistgħu jaffettwaw id-disinn jew l-operazzjonijiet tiegħu. Fil-każ ta' tibdiliet jew żviluppi, għandu jkun ivverifikat jekk is-sigurtà tat-tluġ u l-inżul ta' l-ajruplani f'dak l-ajrudromi tistax konsegwentament titnaqqas. Jekk tiġi vvalutata bħala potenzjalment perikoluża, l-ostaklu jew m'għandux isir, jew għandu jitneħħa, jew ikollhom jiġu emendati l-proċeduri tal-wasla u/jew tat-tluq biex inaqqsu l-effett ta' dan l-ostaklu l-ġdid. Jistgħu jiġu mposti wkoll kundizzjonijiet mal-ħolqien ta' l-ostaklu, bħal li jiddawwal dan l-ostaklu. Din il-valutazzjoni u l-infurzar tal-konklużjonijiet tagħha jeħtieġu konsultazzjonijiet xierqa ma' l-awtorità ta' l-avjazzjoni relevanti, is-sid ta' l-ajrudrom jew l-operatur ta' l-ajrudrom u l-awtorità pubblika dwar l-użu ta' l-art lokali, u li jitteħdu miżuri fil-ħin li jnaqqsu r-riskju. Dan huwa l-għan ta' l-ER Ċ.1, li jirrifletti r-rakkomandazzjoni tal-Kapitolu 4, Volum I ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO.

51. Tipi oħra t'attività, li jistgħu joħolqu perikli ta' sigurtà għall-operazzjonijiet ta' l-ajrudromi, għandhom jiġu kkontrollati wkoll. Żviluppi ġodda fl-użu ta' l-art jistgħu jaffettwaw id-dejta ġeografika wżata bħala l-bażi meta jiġu żviluppati r-rotot tal-wasla u tat-tluq. Bini ġdid jew kostruzzjonijiet oħra, anke jekk mhux identifikati bħala ostakli, jistgħu jikkawżaw effetti perikolużi ta' turbulenza indotta. Dawl bil-lejżer u dwal oħra mhux ajrunawtiċi jistgħu jikkawżaw tgħammix ta' l-għajnejn, jew ikunu ta' konfużjoni għall-ekwipaġġ li jtajjar l-ajruplan. Pannelli fotovoltajċi solari kbar jew turbini tar-riħ, minbarra li jistgħu jkunu ostakli perikolużi, jistgħu jikkawżaw rispettivament, riflessjonijiet perikolużi ta' dawl qawwi jew interferenza mas-sinjali tan-navigazzjoni bir-radju. Attivitajiet umani jistgħu jattiraw ukoll animali u ħlejjaq oħra slavaġ (*wild life*) fil-viċinanzi ta' l-ajrudrom u b'hekk jikkawżaw aktar riskji għall-operazzjonijiet ta' l-ajruplani li jseħħu hemmhekk. Għal dawn ir-raġunijiet l-ER Ċ.2 ġie żviluppat, biex jeżiġi fuq l-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jipproteġu l-ajruplani minn dawn l-attivitajiet, kif deskritt fil-Kapitolu 5 u 9 ta' Vol. I fl-Anness 14, u f'partijiet assoċjati tal-Volum II.
52. Ir-rekwiżit essenzjali B.1.i jeħtieġ pjan ta' emerġenza biex wieħed ilaħħaq ma' l-emerġenzi li jseħħu fl-ajrudrom jew fil-viċinanzi immedjati. L-esperjenza turi li parti kbira mill-inċidenti waqt it-tluġ u l-inżul ta' l-ajruplani jseħħu barra l-perimetru ta' l-ajrudrom fejn l-operatur ta' l-ajrudrom m'għandu l-ebda responsabbiltà diretta. Għalhekk hemm bżonn li jiġu stabbiliti pjanijiet ta' emerġenza għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħal dawn, billi l-mezzi huma maqsuma bejn l-ajrudrom u s-servizzi lokali tas-salvataġġ u tat-tifi tan-nar. Għalhekk, l-ER Ċ.3 jimponi fuq l-Istati Membri biex jiżguraw il-koordinazzjoni tas-servizzi ta' l-emerġenza. Dan huwa deskritt ukoll fil-Kapitolu 9, Volum I, Anness 14 ta' l-ICAO.
53. Filwaqt li r-regolamenti applikabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajru jeħtieġu li l-operaturi ta' l-ajru jastjenu milli jużaw ajrudromi li m'humix adegwati għat-tip ta' l-ajruplani u l-operazzjonijiet rispettivi, jiġri li ftit minnhom xorta jagħmlu dan. Din il-prattika, li tista' mhux biss tagħmel ħsara lill-infrastruttura imma toħloq ukoll riskji mhux aċċettabbli għal persuni u proprjetajiet fuq l-ajrudrom, m'għandhiex titħalla ssir. Madankollu l-infurzar f'dawn il-każijiet mhuwiex faċli, billi s-soltu l-awtorità kompetenti ta' l-operatur u ta' l-ajrudrom jkunu korpi differenti, ħafna drabi wkoll minn pajjiżi differenti. Filwaqt li m'hemm l-ebda kontestazzjoni li d-deċiżjoni dwar l-użu ta' l-ajrudrom għandha titħalla kollha kemm hi f'idejn l-operatur ta' l-ajru, b'mod partikolari f'każijiet ta' emerġenza, l-abbuż għandu jiġi kkastigat. Dan huwa l-għan ta' l-ER Ċ.4, li jeħtieġ lill-Istat Membru biex jaġixxi f'każijiet bħal dawn.

II. REKWIŻITI ESSENZJALI

A - Karatteristiċi fiżiċi, Infrastruttura u Tagħmir

1) Żona ta' moviment

- a) Ajrudrom għandu jkollu żona ddisinjata għall-inżul u t-tluġ ta' l-ajruplan.
 - i) Iż-żona ta' l-inżul u t-tluġ għandha jkollha dimensjonijiet xierqa għall-ajruplani maħsuba biex jużaw il-faċilità.
 - ii) Iż-żona ta' l-inżul u t-tluġ, fejn japplika, għandha jkollha saħħa biżżejjed biex tiflaħ l-operat ripetittiv ta' l-ajruplani maħsuba. Dawk iż-żoni mhux maħsuba għal operazzjonijiet ripetittivi għandhom ikunu biss kapaċi li jifilħu l-ajruplani.
 - iii) Iż-żona ta' l-inżul u t-tluġ għandha, fejn japplika, tkun iddisinjata biex tiddrejnja l-ilma u biex iżżomm milli l-ilma li jinġabar isir ta' periklu mhux aċċettabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajruplani.
 - iv) L-inżul u l-bidliet fl-inżul taż-żona ta' l-inżul u t-tluġ m'għandhomx joħolqu riskju mhux aċċettabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajruplani.
 - v) Il-karatteristiċi tas-superfiċje ta' l-art għandhom ikunu adegwati biex jintużaw mill-ajruplani maħsuba.
 - vi) Iż-żona ta' l-inżul u t-tluġ għandha tkun ħielsa minn oġġetti li jistgħu jikkostitwixxu riskju mhux aċċettabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajruplani.
- b) Fejn hemm diversi żoni ta' nżul u tluġ, għandhom ikunu tali li ma joħolqux riskju mhux aċċettabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajruplani.
- c) Iż-żona ta' l-inżul u t-tluġ għandha tkun imdawwra b'żoni ddefiniti. Dawn iż-żoni huma maħsuba biex jiproteġu l-ajruplani li jtiru fuqhom matul l-operazzjonijiet tat-tluġ jew l-inżul, jew biex inaqqsu l-konsegwenzi ta' xi ajruplan li involontarjament imiss ma' l-art qabel ma jaqbad ir-*runway*, li jintefa' fuq il-ġenb ta', jew li jaqbeż il-limiti taż-żona tat-tluġ u l-inżul.
 - i) Dawn iż-żoni għandhom ikollhom dimensjonijiet xierqa skond l-operazzjonijiet antiċipati ta' l-ajruplani;
 - ii) L-inżul u l-bidliet fl-inżul ta' dawn iż-żoni m'għandhomx joħolqu riskju mhux aċċettabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajruplani.
 - iii) Dawn iż-żoni għandhom ikunu ħielsa minn oġġetti li jistgħu jikkostitwixxu riskju mhux aċċettabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajruplani. Dan m'għandux iżomm milli jitqiegħed xi tagħmir fraġli f'dawn iż-żoni, jekk ikunu jinħtieġu biex jassistu operazzjonijiet ta' l-ajruplani.
 - iv) Kull waħda minn dawn iż-żoni għandha tkun b'saħħitha biżżejjed biex isservi l-iskop tagħha.
- d) Dawk iż-żoni ta' l-ajrudrom, flimkien ma' l-inħawi immedjati assoċjati magħhom, li għandhom jintużaw għat-trasport min-naħa għall-oħra taż-żoni ta' l-ajrudrom jew l-ipparkjar ta' l-ajruplani, għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jippermettu l-operat b'sigurtà ta' l-ajruplani mistennija li jużaw il-faċilità partikolari fil-kundizzjonijiet kollha maħsuba:

- i) Dawn iż-żoni għandhom ikunu b'saħħithom biżżejjed biex jifilħu operazzjonijiet ripetittivi ta' l-ajruplani maħsuba, ħliet għal dawk iż-żoni li huma mistennija li jintużaw biss okkażjonalment li għandhom ikunu kapaċi li jifilħu biss l-ajruplani.
 - ii) Dawn iż-żoni għandhom ikunu ddisinjati jidrejnjaw l-ilma u jżommu l-ilma li jinġabar milli jsir ta' periklu mhux aċċettabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajruplani.
 - iii) L-inżul u l-bidliet fl-inżul ta' dawn iż-żoni m'għandhomx joħlqu riskju mhux aċċettabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajruplani.
 - iv) Il-karatteristiċi tas-superfiċje ta' l-art ta' dawn iż-żoni għandhom ikunu adegwati biex jintużaw mill-ajruplani maħsuba.
 - v) Dawn iż-żoni għandhom ikunu hielisa minn oġġetti li jistgħu jikkostitwixxu riskju mhux aċċettabbli għall-ajruplani. Dan m'għandux iżomm milli xi tagħmir meħtieġ għal dik iż-żona jiġi pparkjat f'pożizzjonijiet jew żoni identifikati b'mod speċifiku.
- e) Infrastruttura oħra, maħsuba biex tintuża mill-ajruplani, għandha tkun iddisinjata b'tali mod li l-użu ta' dik l-infrastruttura ma johlqx riskju mhux aċċettabbli għall-ajruplani li jkunu qed jużawha.
 - f) Il-kostruzzjonijiet, il-bini, it-tagħmir jew iż-żoni tal-ħażna għandhom jitqiegħdu u jiġu ddisinjati b'tali mod li ma jinholqx riskju mhux aċċettabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajruplani.
 - g) Għandhom jiġi pprovduti mezzi xierqa biex jinżammu milli jidħlu fiż-żona tal-moviment, persuni mhux awtorizzati, vetturi mhux awtorizzati jew annimali kbar biżżejjed li jikkostitwixxu riskju mhux aċċettabbli għall-operazzjonijiet ta' l-ajruplani, sakemm ma r-riskju relatat ma jkunx jista' jitnaqqas b'mezzi oħra. Dawn ta' l-aħħar jipprovdu livell ekwivalenti ta' sigurtà.

2) ***Tneħħija ta' ostakli***

- a) Biex l-ajruplani li jkunu qed jersqu lejn l-ajrudrom ħalli jagħmlu l-inżul tagħhom jiġu protetti, jew dawk li jkunu se jtilqu mill-ajrudrom, għandhom jiġu stabbiliti rotot tal-wasla u tat-tluq. Dawn ir-rotot jew żoni għandhom jipprovdu lill-ajruplani bit-tneħħija meħtieġa ta' kull ostaklu li jkun jinsab f'xi żona fl-inħawi ta' l-ajrudrom.
- b) Din it-tneħħija ta' l-ostakli għandu jkun adattat skond il-fażi tat-titjira u t-tip ta' l-operazzjoni li tkun qed titwettaq. Għandu jitqies ukoll it-tagħmir li jkun qed jiġi wżat biex tiġi ddeterminata l-pożizzjoni ta' l-ajruplan.

3) ***Għajnuniet Viżwali u Mhux Viżwali u Tagħmir ta' l-Ajrudromi***

- a) L-Għajnuniet għandhom ikunu xierqa għall-iskop tagħhom, rikonossibbli u jipprovdu informazzjoni ċara lill-utenti taħt kull kundizzjoni ta' l-operat maħsuba.
- b) It-tagħmir ta' l-ajrudrom għandu jiffunzjona kif maħsub skond il-kundizzjonijiet ta' l-operat previsti, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' ċerta ħila jew saħħa eċċezzjonali. Skond il-kundizzjonijiet ta' l-operat jew fil-każ ta' ħsara, it-tagħmir ta' l-ajrudrom m'għandux johlq riskju mhux aċċettabbli għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni.
- c) L-għajnuniet u s-sistema tagħhom tal-provvista ta' l-elettriku għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li fil-każ ta' ħsarat, dawn ma jwasslux biex tingħata informazzjoni mhux adattata,

żgwidanti jew insuffiċjenti lill-utenti, jew biex ikun hemm interruzzjoni ta' xi servizz essenzjali.

- d) Għandhom jingħataw mezzi xierqa ta' protezzjoni biex tiġi evitata ħsara jew interruzzjoni lil dawn l-għajnuniet.
- e) Sorsi ta' radjazzjoni jew il-preżenza ta' oġġetti jiċċaqalqu jew fissi m'għandhomx itellfu jew jaffettwaw b'mod ħażin sistemi ajrunawtiċi ta' komunikazzjoni, ta' navigazzjoni u ta' sorveljanza.
- f) Għandha tingħata informazzjoni dwar l-operat u l-użu tat-tagħmir ta' l-ajrudrom lill-istaff rilevanti, inkluża indikazzjoni ċara tal-kundizzjonijiet li jistgħu jikkawżaw riskji mhux aċċettabbli lis-sigurtà ta' l-avjazzjoni.

4) *Dejta dwar l-ajrudromi*

- a) Id-dejta rilevanti għall-ajrudromi u dwar is-servizzi disponibbli għandha tiġi stabbilita u tinżamm aġġornata.
- b) Id-dejta għandha tkun preċiża, li tinqara, kompluta u mhux ambigwa. Għandhom jinżammu livelli xierqa ta' integrità.
- c) Id-dejta għandha tkun disponibbli fil-ħin lill-utenti kollha, permezz ta' metodu ta' komunikazzjoni ħafif, inkorruttibbli, u ta' sigurtà biżżejjed, ma' l-utenti.

B - Operazzjonijiet u Ġestjoni

- 1) L-operatur ta' l-ajrudrom huwa responsabbli għall-operat ta' l-ajrudrom. Ir-responsabbiltajiet ta' l-operatur ta' l-ajrudrom huma li ġejjin:
 - a) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu jkollu, direttament jew permezz ta' kuntratti, il-mezzi kollha meħtieġa biex isostni l-operat b'sigurtà ta' l-ajruplani fl-ajrudrom. Dawn il-mezzi jinkludu, imma mhumiex illimitati għal dawn li ġejjin: faċilitajiet, persunal, tagħmir u materjal, dokumentazzjoni tal-kompiti, responsabbiltajiet u proċeduri, aċċess għad-dejta rilevanti u żamma ta' reġistri.
 - b) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu jivverifika li l-obbligi ta' Sezzjoni A jiġu osservati l-ħin kollu jew jieħu miżuri xierqa biex inaqqas ir-riskju assoċjat man-nuqqas ta' konformità. Il-proċeduri għandhom ikunu stabbiliti w applikati biex jagħmlu l-utenti kollha konxji ta' dawk il-miżuri fil-ħin.
 - c) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu jistabbilixxi u jimplementa programm xieraq dwar il-ġestjoni tar-riskju fir-rigward ta' xi annimali fl-inħawi ta' l-ajrudrom.
 - d) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu juri li l-moviment ta' vetturi u persuni fiż-żona ta' moviment u żoni oħra ta' l-operat, huwa kkoordinat mal-moviment ta' l-ajruplani biex jiġu evitati l-ħbit u l-ħsarat lill-ajruplani.
 - e) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu juri li hemm stabbiliti w implimentati proċeduri biex inaqqsu r-riskji relatati ma' l-operazzjonijiet ta' l-ajrudrom f'kundizzjonijiet ta' temp ikraħ, viżibbiltà mnaqqsa jew bil-lejl, skond kif japplika.
 - f) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu jistabbilixxi arranġamenti ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħra biex tiġi żgurata l-konformità kontinwa ma' dawn ir-rekwiżiti essenzjali għall-ajrudromi. Dawn l-organizzazzjonijiet, jinkludu, imma mhux limitati għall-, operaturi ta' l-ajruplani, dawk li jipprovdu servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru, dawk li jipprovdu

servizzi ta' *ground handling* u organizzazzjonijiet oħra li l-attivitajiet jew il-prodotti tagħhom jistgħu jkollhom effett fuq is-sigurtà ta' l-ajruplan.

- g) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu juri li jeżistu u li jiġu applikati proċeduri biex jipprovdu l-ajruplani bi fjuwil mhux ikkontaminat u skond l-ispeċifikazzjoni korretta.
- h) Il-manwali għall-manutenzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudrom għandhom ikunu disponibbli, applikati fil-prattika u jkopru struzzjonijiet ta' manutenzjoni u tiswija, informazzjoni ta' manutenzjoni, proċeduri ta' riżoluzzjoni tal-problemi u ta' spezzjonijiet.
- i) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu jstabilixxi u jimplimenta pjan ta' emerġenza ta' l-ajrudrom, li jkopri xenarji ta' emerġenza li jistgħu jseħħu fl-ajrudrom jew fil-viċinanza immedjata. Dan il-pjan għandu jkun ikkoordinat mal-pjan ta' emerġenza tal-komunità lokali.
- j) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu juri li jingħataw is-servizzi tas-salvataġġ u tat-tifi tan-nar ta' l-ajrudrom lill-ajruplani fi problemi li jkunu se jużaw l-ajrudrom bħala oriġini jew destinazzjoni. Dawn is-servizzi għandhom jirrispondu għall-inċidenti bl-urġenza mixtieqa u għandhom jinkludu ta' lanqas tagħmir, aġenti li jitfu n-nar u numru biżżejjed ta' persunal.
- k) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu juża, għall-operazzjonijiet u l-manutenzjoni ta' l-ajrudrom, dak il-persunal biss li huwa mħarreġ u kkwalifikat, u għandu jimplimenta u jżomm programmi ta' taħriġ u ċekkjar għall-kompetenza kontinwa tal-persunal kollu relevanti.
- l) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu juri li kull persuna li tingħata aċċess bla skorta għaż-żona tal-moviment jew għaż-żoni l-oħra ta' l-operat oħra hija mħarrġa b'mod adegwat u kkwalifikata biex tingħata dak l-aċċess.
- m) Il-persunal tas-salvataġġ u tat-tifi tan-nar għandu jkun imħarreġ u kkwalifikat kif suppost biex jopera fl-ambjent ta' l-ajrudrom. L-operatur ta' l-ajrudrom għandu jimplimenta u jżomm programmi ta' taħriġ u ċekkjar għall-kompetenza kontinwa ta' dan il-persunal.
- n) Il-persunal kollu tas-salvataġġ u tat-tifi tan-nar bir-responsabbiltà li jaġixxi f'sitwazzjonijiet potenzjali ta' emerġenza ta' l-avjazzjoni għandu juri perijodikament forma fiżika tajba biex iwettaq b'mod sodisfaċenti l-funzjoni tiegħu, meta wieħed iqis it-tip ta' attività. F'dan il-kuntest forma fiżika tajba, li tkopri saħħa fiżika u mentali, tfisser li wieħed ma jkunx ibati minn mard jew diżabbiltà, li jagħmlu lil dan il-persunal mhux kapaċi:
 - (i) iwettaq il-ħidmiet meħtieġa biex jopera f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza ta' l-avjazzjoni;
 - (ii) iwettaq dmirijiet assenjati f'kull ħin;
 - (iii) jagħraf b'mod korrett l-ambjent tiegħu/tagħha.

Meta ma jkunx jista' jintwera livell ta' saħħa kif suppost, jistgu jiġu implimentati miżuri li jipprovdu sigurtà ekwivalenti.

2) Kull meta ajrudrom huwa miftuħ għall-użu pubbliku u jservi għal servizzi bl-ajru skedati:

- a) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu jimplimenta u jopera sistema ta' ġestjoni biex jibqa' jikkonforma ma' dawn ir-rekwiżiti essenzjali għall-ajrudromi u biex jimmira għal titjib kontinwu u pro-attiv fis-sigurtà u l-kwalità. Is-sistema ta' ġestjoni għandha tinkludi strutturi organizzattivi, kontabilitajiet, kompetenzi, politika u proċeduri.
- b) Is-sistema ta' ġestjoni għandha tinkludi programm għall-prevenzjoni ta' l-inċidenti, li jkopri skema ta' analiżi u rappurtar tal-ġrajjet. L-analiżi għandha tinvolvi l-partijiet imniżżla f'punt 1.ġ hawn fuq, kif mixtieq.
- c) L-operatur ta' l-ajrudrom għandu jiżviluppa manwal ta' l-ajrudrom u jopera skond dan il-manwal. Dan il-manwal għandu jinkludi l-istruzzjonijiet, l-informazzjoni u l-proċeduri

kollha meħtieġa għall-ajrudrom, għas-sistema ta' ġestjoni u biex il-persunal inkarigat mill-operat iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

Ċ - L-inħawi ta' l-ajrudrom

- 1) L-ispazju ta' l-ajru madwar iż-żoni tal-moviment ta' l-ajrudrom għandhom ikunu salvagwardati minn ostakoli sabiex l-operazzjonijiet ppjanati ta' l-ajruplani jitħallew isiru fl-ajrudromi mingħajr riskju mhux aċċettabbli minħabba l-iżvilupp ta' ostakoli madwar l-ajrudromi. Għalhekk għandhom jiġu żviluppanti tipi ta' superfiċje li josservaw l-ostakoli, implimentati w osservati kontinwament biex jidentifikaw kull penetrazzjoni li mhix aċċettata.
 - a) Kull ksur fil-konformità għal ċerti tipi ta' superfiċje jitlob valutazzjoni biex jiġi identifikat jekk l-oġġett jikkostitwixxix riskju mhux aċċettabbli jew le. Kull riskju mhux aċċettabbli għandu jitneħħa jew jitnaqqas.
 - b) Kull ostaklu li jifdal għandu jiġi ppubblikat, u skond il-bżonn jiġi mmarkat u, fejn jinħtieġ, jiddawwal.
- 2) Perikli relatati ma' attivitajiet umani w użu ta' art, bħal imma mhux illimitati għall-partiti fil-lista li ġejja, għandhom jiġu osservati u kkontrollati. Ir-riskju kkawżat minnhom għandu jkun ivvalutat u mnaqqas kif jixraq:
 - a) kull żvilupp jew bidla fl-użu ta' l-art fiż-żona lokali ta' l-ajrudrom
 - b) il-possibbiltà li tinholq turbulenza kkawżata
 - c) l-użu ta' dawl perikoluż, li joħloq konfużjoni u li jkun żgwidanti
 - d) it-tgħammix qawwi kkawżat minn uċuħ kbar u li jirriflettet ħafna
 - e) il-ħolqien ta' żoni li jistgħu jinkoraġġixxu attività ta' annimali u ħlejjaq oħra slavaġ fl-inħawi taż-żona tal-moviment ta' l-ajrudrom.
 - f) sorsi ta' radjazzjoni mhux viżibbli jew il-preżenza ta' oġġetti jimxu jew fissi, li jistgħu jfixklu jew jaffettwaw b'mod ħażin, is-sistemi ajrrunawtiċi ta' komunikazzjoni, ta' navigazzjoni u ta' sorveljanza.
- 3) Għandu jiġi stabbilit pjan ta' emerġenza għall-komunità lokali biex ikopri sitwazzjonijiet ta' emerġenza ta' l-avjazzjoni li jseħħu fiż-żona lokali ta' l-ajrudrom.
- 4) Ħlief għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza ta' l-ajruplani, meta jkun hemm bidla fir-rota għal ajrudrom alternanti, jew skond kundizzjonijiet oħra speċifikati f'kull każ, m'għandhomx jintużaw mingħajr il-kunsens ta' l-operatur ta' l-ajrudrom, xi ajrudrom jew partijiet minnu, minn ajruplani li għalihom ma kinux ġew adattati d-disinn ta' l-ajrudrom u l-proċeduri operattivi.